# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

Illum, it-Tlieta 29 ta' Mejju, 2001.

Kawza Nru. 10.
Citazz. Nru. 1785/00 JRM

**SUNCREST HOTELS p.l.c.**

**vs**

**ACCORD INTERNATIONAL DESTINATION MANAGEMENT COMPANY LIMITED**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' tlett elef disa' mija u sebgha u erbghin lira u hamsa u tletin centezmu (Lm3947.35) prezz ta' akkomodzzjoni fis-Suncrest Hotel il-Qawra liema akkomodazzjoni s-socjeta' attrici pprovdiet fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta;

Illi s-socjeta' konvenuta nonostante l-fatt illi giet diversi drabi nterpellata sabiex thallas, baqghet inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tigi s-socjeta' konvenuta kkundannata thallas lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' tlett elef disa' mija u sebgha u erbghin lira u hamsa u tletin centezmu (Lm3947.35);

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mill-1 ta' Jannar 2000 kontra s-socjeta' konvenuta, ir-rappresentant ta' liema socjeta' f'proceduri gudizzjarji hu minn issa ngunt in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna

lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' tlett elef disa' mija u sebgha u erbghin lira u hamsa u tletin centezmu (Lm3947.35), bl-ispejjez u bl-imghax legali mill-1 ta' Jannar 2000 kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**29 ta' Mejju, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Mejj u, 2001.**